Minuti tat-42 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 19 ta' Settembru, 2012. Il-laqgha nbdiet hin 4.50pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-41 laqgha.**

1.1 Il-Minuti gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

1.2 Raymond Cassar qal li fir-residenza Heaven's Gate fi Triq l-Gharb qed jidhol l-ilma mill-kanal tal-ilma meta taghmel hafna xita. Peress li din it-triq taqa' taht ir-responsabilita' tal-Gvern Centrali il-Kunsill qabel li ghandha tingibed l-attenzjoni tal-Perit inkarigat.

1.3 Emanuel Muscat issuggerixxa illi tappiera tal-kanal tal-ilma fi Triq Birbuba ghandha iddur u titbaxxa biex tilqa' l-ilma ahjar. Il-Kunsill qabel li jekk ma tkunx perikoluza ghandha ssir u ghalhekk ghandu jittiehed il-parir tal-Perit f'dan il-rigward.

1.4 Carmen Vella staqsiet ghaliex l-arkata fi Triq Sdieri kienet mimlija tajn wara x-xita. Is-Sindku spjega illi bhalma intqal f'laqgha precedenti xi persuni ghalqu t-toqob tat-triq biex l-ilma bil-kloru li jinzel minn xi pools fil-vicin ma jaqax fl-eghlieqi taghhom.

1.5 Il-Kunsill iddiskuta dwar inefficjenza fil-servizz tal-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq fejn diversi hsarat fil-lampi tat-toroq ghalkemm qed ikunu rapurtati lill-kuntrattur qed jiehdu zmien twil biex jissewwew jew inkella jibqghu ma jahdmux anke wara li l-kuntrattur jimmarka l-job maghluq. Is-Sindku spjega illi huwa talab lill-kuntrattur sabiex meta lampi bil-hsara jkunu qodma tinbidel il-head kollha biex jigi evitat li din terga' taghmel il-hsara wara ftit zmien. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.6 Carmen Vella qalet li xi persuni qalulha illi gewwa c-child care centre hemm ftit carers meta ikkumparat mat-tfal. Il-Kunsill qabel illi Victoria Sultana hija il-persuna responsabbli mit-tmexxija tac-Centru u li hija responsabbli li timxi ma l-istandards.

1.7 Carmen Vella staqsiet dwar il-kaxxa tal-ittri fil-pjazza. Is-Sindku spjega illi l-Maltapost ser ikunu qed jipprovdu kaxxa antika u li huwa talabhom biex din tkun stallata minghajr aktar dewmien. Sadanittant gie spjegat li intalbet ukoll kwotazzjoni lil Michael Mizzi ghall-produzzjoni ta' kaxxa tal-ittri.

1.8 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-bank fil-Fgura fejn gie deciz li dan ghandu jerga' jehel.

1.9 Gie spjegat illi l-handyman Emanuel Saliba fil-prezent ma jistax jaqdi l-funzjonijiet tieghu minhabba ragunijiet personali. Huwa jkun jista' jirrizumi l-funzjonijiet tieghu fis-sena l-gdida.

1.10 Carmen Vella spjegat illi hemm xi tappieri nieqsa fi Triq il-Knisja. Gie spjegat illi dawn probabilment regghu insterqu.

1.11 Il-Kunsill iddiskuta il-fatt illi wara x-xita qawwija ta' l-ahhar granet it-tarmak fi Triq il-Knisja intrefgha. Gie spjegat illi dahal il-Perit fuq il-post u ta' l-istruzzjonijiet lill-kuntrattur x'ghandu jsir biex it-tarmak rega' ingab ghall-istat originali tieghu. Gie spjegat illi l-kawza ta' dan ma kinitx ghax ix-xoghol kien hazin izda ghaliex it-tappieri tad-dranagg kien ghadhom ma gewx mikxufa u il-gutter tal-ilma kien ghadha mhux imkahla. Dan ix-xoghol sar fuq struzzjonijiet tal-Perit.

1.12 Emanuel Muscat staqsa dwar f'hiex kien jikkonsisti ezatt l-ilment ta' Martin Debrincat dwar ix-xogholijiet tal-kanal li kien qed isir quddiem ir-residenza tieghu fi Pjazza Zjara tal-Madonna. Gie spjegat illi l-ilment kien dwar allegat dranagg li gej minn kanal minn Triq Dun Alwig Mizzi pero wara li saru testijiet mid-Dipartiment ikkoncernat irrizulta li dan kien ilma tal-vit. Gie spjegat illi huwa kien qed jilmenta wkoll li l-kanal kien gej wisq qrib il-faccata tal-propjeta' tieghu pero skond l-avukat tal-Kunsill Dr Mario Scerri il-ligi dwar distanza mhijiex applikabbli ghall-faccata tad-djar.

1.13 Il-Kunsill iddiskuta dwar it-tarag fil-genb taz-zuntier in-naha ta' Triq Virtu' illi gie perikoluz wara li saru x-xogholijiet fit-triq. Il-Kunsill qabel illi biex tissolva din il-problema ghandu jitghalla t-tarmak jew jitbaxxa l-genb tat-tarag biex jonqos l-oghli tat-targa. Il-Kunsill iddiskuta wkoll dwar il-possibilita' li jsir railing lil dan it-tarag.

1.14 Il-Kunsill iddiskuta wkoll Triq Dun Alwig Mizzi k/m Triq Virtu'. Emanuel Muscat ippropona illi hemmhekk issir bankina u l-kanal u l-arblu jitilghu minn bejn id-djar u mhux mill-kantuniera biex ma jkunx hemm periklu. Saret diskussjoni dwar l-arblu ta' l-Enemalta li gie shifted fejn is-Sindku spjega illi huwa gie infurmat wara li dan kien ga tharrek.

1.15 Emanuel Muscat staqsa dwar il-bus stop tal-Pjazza. Is-Sindku spjega illi bi ftehim mal-Arriva u Transport Malta din wehlet fil-post imsemmi. Il-Kunsill iddiskuta l-fatt illi x-xufiera tal-Arriva isiqu b'mod goff u mhux qed josservaw ir-round about fil-Pjazza. Ghandha tingibed l-attenzoni tal-Arriva dwar dan.

1.16 Emanuel Muscat qal li ghandhom isiru r-road humps li l-Kunsill kien approva biex isiru fi Triq Birbuba. Is-Sindku spjega illi m'hemmx fondi allokati ghalihom fil-budget.

## 2. Attivita' Car Free Day, 23 ta'Settembru, 2012

2.1 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tinzamm attivita' car free day fit-23 ta' Settembru fejn il-Pjazza Zjara tal-Madonna tkun maghluqa ghat-traffiku bejn id-9.00am u 13.00pm. Il-Kunsill qabel illi fil-Pjazza ghandhom jinzammu attivitajiet sportivi u kulturali bhal Zumba u loghob tal-futboll fejn l-Gharb Rangers FC ghandhom ikunu inkarigati jorganizzaw din ta' l-ahhar. Ghandhom jigu mistiedna wkoll diversi kantanti biex janimaw l-attivita' b'mod volontarju. Gie deciz illi ghandhu jitqassam xi frott u ilma waqt l-attivita' ghall-partecipanti biex jigi promoss l-ikel tajjeb ghas-sahha. L-ilma ser ikun pprovdut minn GSD bhala sponsorship ghall-attivita'.

## 3. Lehen il-Punent 2012

3.1 Il-Kunsill qabel unanimament illi ghandha tigi ppublikata l-edizzjoni li jmiss ta' Lehen il-Punent f'Dicembru. Is-Sindku talab ghalhekk lill-membri sabiex ihejju il-messagg taghhom sa l-ahhar ta' Novembru. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha tintbaghat ittra lill-ghaqdiet lokali sabiex jaghmlu l-messagg taghhom.

3.2 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jigi ppublikat il-magazin 4 snin hidma li jkun jigbor fih il-hidma tal-Kunsill matul il-legizlazzjoni u pjan ta' hidma ghas-snin li gejjin u ghalhekk ghandhom jibdew il-preparamenti ghal dan il-magazin. Is-Sindku talab lill-membri jahsbu f'xi ideat ghal dan il-magazin.

## 4. Kwotazzjonijiet.

**4.1** Il-Kunsill iddiskuta il-kwotazzjonijiet dwar servizzi ta' transport fejn gew sottomessi 3 kwotazzjonijiet minghand Custo' coaches, Godnic Garage u Lepeirks Ltd. L-irhas kwotazzjoni hija dik ta' Godnic Garage biex jipprovdi s-servizz tat-trasport ghal 14 il-persuna. Warajh kien hemm Custo' coaches b'minibus ta' 16 il-persuna. Il-Kunsill qabel li jimxi ma'l-irhas kwotazzjoni skond in-numru ta' tfal li jkunu ser juzaw is-servizz. Ser issir laqgha ghall-genituri tat-tfal li jiehdu sehem f'dan il-progett fl-20 ta' Settembru.

4.2 Il-Kunsill iddiskuta il-kwotazzjoni ghall-manutenzjoni tal-funtana fi Pjazza Zjara tal-Madonna fejn gew sottomessi 3 kwotazzjonijiet minghand Rapa Showrooms, Franklyn Farrugia u Chris Gauci. Il-Kunsill qabel mal-irhas kwotazzjoni ta' Chris Gauci.

4.3 Is-Sindku spjega illi kien hemm xi suggerimenti li d-dawl tal-funtana jkun abjad biss. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta. Il-Kunsill qabel illi l-flaps tal-plastic ezistenti li qeghdin mad-dawra tal-funtana ghandhom jitnehhew u minflokhom isiru cats eyes.

**5.0 Aggornament dwar xogholijiet u progetti.**

5.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-kanal li jrid isir minn wara l-Knisja sa Sqaq fi Triq Frenc ta' l-Gharb. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintalbu kwotazzjonijiet ghall-parti tal-kanal taht il-pavimentar biss. Il-bqija ghandu jsir bhala parti mill-progett PPP.

5.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-andament tal-progett Mizura 323. Dwar ir-restawr tal-arkata fi Triq Sdieri gie spjegat illi x-xogholijiet jistghu jipprosegwu bil-bini tal-hitan tas-sejjieh peress li wara li gew aggornati l-kontijiet mill-Perit jirrizulta li ghad fadal fondi disponibbli mill-kuntratt.

5.3 Dwar il-kappella ta' San Dimitri gie spjegat illi l-emenda fil-permess - dwar ix-xogholijiet taz-zuntier ghandha tkun approvata fi ftit gimghat u ghalhekk ikun jista' jipprosegwi x-xoghol.

5.4 F'Taz-Zejt gie spjegat illi x-xogholijiet ghaddejjin. Is-Sindku spjega illi qed issir follow-up regolari mal-Ing. Enemalta biex jitnehha il-high tension mic-cimiterju kif ukoll fir-rigward tat-trinka li trid issir fi Triq San Pietru, Virtu', Dun Alwig Mizzi sabiex tinghata r-rotta u l-ftehim.

5.5 Dwar il-progett tar-restawsr tas-shelter il-Kunsill qabel li ghandu jinkludi it-tank. Hekk kif il-Perit jghaddi d-dokument tal-offerta lill-Kunsill din tigi ppublikata.

5.6 Gie spjegat illi giet ippublikata l-offerta tal-pavimentar ghal Pjazza Gerano. L-offerta hija ghax xoghol minghajr materjal peress li materjal jista' jintuza l-istess materjal li intuza ghal Triq il-Knisja.

5.7 Dwar hitan tas-sejjieh f'Triq San Dimitri gie spjegat illi x-xogholijiet mexjin.

5.8 Il-Kunsill iddiskuta dwar Triq San Dimitri fejn gie deciz li jekk ix-xoghol ta' resurfacing ikun ser idum ma jsir, ikun jinhtieg li t-triq tinghata xi patching.

5.9 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-materjal tal-patching li nxtara fejn dan ghandu jintuza f'kazi ta' emergenza peress li jista' jintefa' fl-ilma u xorta wahda izomm.

5.10 Dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill taht Mizura 125 ghal resurfacing ta' toroq non urbani bil-konkrit gie spjegat illi dawn l-applikazzjonijiet ghadhom qed jigu evalwati.

5.11 Gie spjegat illi ser tkun qed tigi ppublikata sejha ghal applikazzjonijiet ghal tabelli li jindikaw postijiet storici taht il-LAG. Il-Kunsill qabel li jissottometti applikazzjoni meta tiftah is-sejha.

5.12 Gie spjegat illi giet sottomessa l-applikazzjoni tal-landscaping u li mhux il-Kunsilli kollha issottomettew din l-applikazzjoni. Gie spjegat illi l-finanzjament mhux ser ikun shih sakemm ma jinstabux fondi ohra.

5.13 Gie spjegat illi l-hajt f'Wied il-Mielah inbena kif deciz f'laqgha precedenti.

5.14 Il-Kunsill iddiskuta il-possibilita' ta' twessigh tar-rampa ta' Kalangla f'Wied il-Mielah. Il-Kunsill qabel li ghandha tintalab stima lil Francis Refalo u tigi diskussa f'laqgha ohra.

5.15 Il-Kunsill gie infurmat illi saret applikazzjoni ghal progett Youth in Action flimkien mal-lokalita' ta' Marsala fi Sqallija.

5.16 Il-Kunsill iddiskuta l-applikazzjoni li se issir ghall-finanzjament tat-tieni sular tac-centru civiku u titjib fl-ewwel sular liema applikazzjoni ser issir bil-ghajnuna tal-Meusac.

5.17 Il-Kunsill iddiskuta t-tindif tac-Centru Civiku. Gie spjegat illi fil-prezent it-tindif qed isir darba fil-gimgha mill-haddiem assenjat Louis Piscopo, kif ukoll ad hoc meta jinhass il-bzonn minn Lorraine Attard.

5.18 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-andament tal-progett Obimed. Gie spjegat illi l-laqgha li jmiss tal-kumitat tal-pilotagg mistennija li ssir gewwa Ghawdex f'Ottubru. Il-Kunsill iddiskuta dwar Obimed work package 5. Gie spjegat illi bhalma deciz fil-laqgha precedenti inhatar il-bord tal-ghazla ghal din l-offerta li kien kompost minn Nutar Josette Spiteri Cauchi, Paul Scicluna President GTA u William Sultana minflok Yohann Grech peress li dan ta' l-ahhar ma kienx disponibbli. Il-board ra illi l-offerta mitfugha minn Niche Resources Ltd. tilhaq il-kriterji mitluba fid-dokument tal-offerta u ghalhekk qed jirrakkomanda li l-offerta

5.19 ghandha tinghata lilhom. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-bord li l-offerta ghandha tinghata lil Niche Resources Ltd.

5.20 Il-Kunsill iddiskuta is-servizz tal-Wi-fi tal-progett Obimed. Emanuel Muscat qal illi l-arja ta' Birbuba mhijiex koperta. Gie spjegat

illi wiehed ikun irid jixtri router biex ikun jista' jaqbad mas-servizz tal-Wi-fi b'xejn offrut permezz tal-progett Obimed.

5.21 Il-Kunsill approva unanimament il-kwotazzjoni minghand M-Quip ghal safety rubber flooring mats ghac-childcare centre ghall-ammont ta' €374.63. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha ssir tinda wind breaker ghall-area tal-loghob ta' barra.

5.22 Il-Kunsill qabel li ghandha tohrog l-offerta ghat-tindif u manutenzjoni tal-latrini pubblici ta' Pinu u ta' Triq Trux peress li dawn iz-zewg kuntratti waslu biex jaghlqu.

5.23 Il-Kunsill iddiskuta dwar is-servizz tal-open skip fejn gie spjegat illi l-kuntrattur Joseph Mercieca illi ghadu kemm rebah l-offerta ghadu ma ssottomettiex il-*performance guarantee* ghalkemm gie mitlub jaghmel dan kemm il darba u anke gie moghti l-ahhar avviz permezz ta' ittra registrata. In vista ta' din is-sitwazzjoni il-Kunsill qabel illi s-servizz ghandu jitwaqqaf u temporanjament jinghata b'ordni diretta lil Peter Said. Said kien tefa' l-offerta tard u ghalhekk din ma setghetx tigi kunsidrata izda hu kellu l-irhas prezzijiet.

5.24 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi giet ippublikata l-offerta tas-servizz tal-gbir ta' l-iskart domestiku flimkien mal-Kunsilli Lokali ta' l-Ghasri u San Lawrenz.

5.25 Giet trattata korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-proposta ta' PPP mal-Gharb Rangers FC fir-rigward tal-kumpless sportiv fi Triq Tumas Cassar. Il-Kunsill innota li hemm process kumpless biex din it-talba tkun tista' tigi evalwata u qabel li ghandu jibda' l-process ta' thejjija tad-dokumentazzjoni mehtiega biex ikun jista' jinbeda il-process.

5.26 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha ssir l-attivita' socjali ghat-tfal fl-okkazjoni ta' Halloween. Din ghandha tinzamm fis-sala tal-Kunsill Lokali.

**6.0 Skeda ta' pagamenti.**

6.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

6.2 Il-Kunsill approva wkoll il-hlas ta' €5344.62 lil Godnic Garage ghal diversi servizzi ta' transport.

6.3 Dwar il-hlas lill-Perit ghall-contract management fee fuq il-progett ta' resurfacing fi Triq San Pietru, gie spjegat illi ghad fadal kont pendenti ta' €7000 fuq din it-triq u li dan hemm provvista ghalih fil-kontijiet tal-Kunsill.

**7.0 Korrispondenza u materji ohra.**

**7.1** Il-Kunsill iddiskuta il-gbir ta' l-iskart domestiku u qabel illi nhar ta' Hamis ghandha tigi ntrodotta kollezzjoni ta' hgieg.

**7.2** Il-Kunsill iddiskuta l-proposta ta' xi residenti li lesti li jibdew joffru xi servizzi ta' sahha minn gewwa l-klinika ta' l-Gharb. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg sejha ghal espressjoni ta' interess ghal persuni interessati li jinvestu fil-klinika.

7.3 Mill-MEPA:- Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp: PA2031/12, PA2187/12 u PA5609/07. Ripublikazzjoni ta' applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp PA5609/07.Talba ghall-Informazzjoni ghal permess ta' zvilupp PA5609/07. Rapport mahrug mill-KNPD ghal permess ta' zvilupp PA5609/07. Acknowledgement of Receipt of Application – PA2187/12.

7.4 Minghand Mario Muscat fir-rigward ta' produzzjoni ta' bnadar.

7.5 Mid-Direttorat ghas-Sahha tal-Pjanti fir-rigward ta' poster dwar il-kampanja ta' gharfien dwar il-problemi li l-Bumanqar Ahmar tal-Palm jikkawza jekk wiehed ma jihux il-prekawzjonijiet necessarji.

7.6 Minghand UniKing International fir-rigward ta' Porfido.

7.7 Minghand il-Gozo NGO's Association fir-rigward ta' laqgha li ser issir flimkien mall-Prim Ministru.

7.8 Minghand id-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali fir-rigward ta' Registrazzjoni Temporanja tal-Footsteps Child Care Centre.

7.9 Mill-Parlament Malti fir-rigward tal-White Paper.

7.10 Minghand WasteServ Malta fir-rigward ta' The European Week for Waste Reduction.

7.11 Mic-Centru Parrokkjali l-Gharb fejn intalab l-appogg tal-Kunsill ghal-Lejla Sajfija li tigi organizzata kull sena.

7.12 Mid-Direttorat ta' l-artijiet fejn il-Kunsill gie infurmat li m'hemm l-ebda' oggezzjoni ghall-progett tal-Landscaping li saret applikazzjoni ghall-finanzjament tieghu.

7.13 Minghand Antonio Pezzano fir-rigward tal-konferenza tal-EDEN Network li ser tinzamm fit-23 ta' Ottubru gewwa Brussels.

7.14 Minghand il-Ministeru ghat-Turizmu fejn gie spjegat illi ghadha ghaddejja hidma biex l-Eden Association Fee tal-lokalitajiet rebbieha tal-premju EDEN tkun rifuza lill-Kunsilli mill-Gvern . Il-Kunsill approva l-hlas ta' din il-fee fl-iskeda ta' pagamenti ta' din il-laqgha.

7.15 Mid-Dipartiment tal-Customer Services Sezzjoni ghall-Anzjani u Bzonnijiet Specjali fir-rigward tal-Kors tal-Universita' tat-Tielet Eta' F'Ghawdex 2012-2013.

7.16 Minghand ir-Regina Coeli fir-rigward tas-servizzi li huma joffru.

7.17 Minghand Parkwell fir-rigward tal-prodotti li huma ghandhom ghall-bejgh.

7.18 Minghand il-Green MT fejn intalbet laqgha fir-rigward tal-Ftehim gdid ghall-Gbir ta' Skart tal-Ippakeggjar. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir din il-laqgha.

7.19 Minghand Harlequin Entertainment fir-rigward ta' servizzi ta' animazzjoni li huma joffru ghal kull okkazjoni.

7.20 Is-Sindku iddikjara li ser isir zwieg bejnu u bejn is-Segretarju Ezekuttiv aktar tard fix-xahar u li s-Segretarju Ezekuttiv ser tkun qed tinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'dan biex tinghata id-direzzjoni mehtiega.

7.21 Il-laqgha spiccat hin 6.50pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv